MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 417/2003/1

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Mejju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta’ Awissu tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jhallas lill-attrici s-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), liema somma l-konvenut obbliga ruhu li jiddepozita f’bank lokali sabiex minn hemm tkun tista’ tigi zbankata biss mill-istess attrici u dan wara li tigi deciza l-kawza fl-ismijiet albert Vella fil-kwalita’ tieghu ta’ stralcarju ta-socjeta’ “Tower Court Limited” vs Raymond Abdilla, susan Abdilla u Diana Abdilla (Avviz Numru 2175/98MM), liema kawza issa ilha

li giet deciza definittivament mit-12 ta’ Lulju tas-sena 2002 u liema somma l-konvenut minkejja li nterpellat diversi drabi baqa’ ma ddepozitax jew hallas lill-attrici;

2. Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri nterpellatorji tat-2 ta’ April tas-sena 2003 u tat-23 ta’ Lulju tas-sena 2003 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata is-27 ta’ Frar tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi huwa minnu li sar ftehim bejn il-partijiet illi l-konvenut odjern kellu jhallas lill-attrici s-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

2. Illi pero l-ftehim ma kienx hekk semplici kif qed jigi ndikat fl-avviz peomotur u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

3. Illi fil-fatt il-konvenut kien lest illi jhallas l-ammont imsemmi purche’ li l-konvenuti kienu lesti li jirrilaxxaw ricevuta li kienet tirrifletti l-ftehim milhuq bejn il-partijiet;

4. Illi l-atturi ma kienux lesti li jirrilaxxaw tali ricevuta u kien ghalhekk li l-hlas imsemmi ma giex effettwat;

5. Illi l-konvenut ma setax jiddepozita din is-somma that l-awtorita’ ta’ dina l-Qorti peress li kienu sar hekk ir-ricevuta li tigi rilaxxata meta jsir l-izbank tac-cedola mill-intimati ma tkun tirrifletti l-ftehim imsemmi aktar ‘il fuq;

6. Illi l-imsemmi ftehim kien wiehed “a voce” u ghalhekk ricevuta biss setghet tirrifletti li sar il-hlas that il-kundizzjonijiet miftiehma;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi r-rizultanzi jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi ghalkemm l-attrici ghandha kunjom differenti il-konvenut hu l-missier naturali taghha;

2. Illi jidher li s-sitwazzjoni familjari kienet wahda travaljata u jidher ukoll li l-ewwel darba li l-konvenuta iltaqet ma' missierha kien meta kellha tmintax –il sena;

3. Illi jirrizulta li l-parti l-kbira ta' l-eta' tenera ta' l-attrici qattghetha tghix f'istituti;

4. Illi wara diversi inkontri l-konvenut, biex " … ipattili tat-tbatijiet kollha li kont ghaddejt minnhom …", (ara fol 22), kien accetta li jaghti lill-attrici post fejn toqghod;

5. Illi effettivament kien xtara post lill-attrici go l-Ingilterra, izda peress li ma dratx, irritornat Malta;

6. Illi f'dan l-istadju l-konvenut jidher li kein ta' lill-attrici dar gewwa Tas-Sliema, senjatament il-fond numru 3, 169, Tower Road, Tas-Sliema;

7. Illi ghalkemm kienet ilha tghix fl-imsemmi fond inghajr inkwiet, il-konvenut kien beda procedura ta' zgumbrament fil-konfront tal-attrici, u effettivament giet zgumbrata;

8. Illi l-attrici ssostni li meta l-konvenut kien ittella' l-qorti biex jiddeponi fl-imsemmija kawza ftihem ma' l-attrici biex hi tohrog mill-fond fuq indikat u jtiha hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), jekk taghmel dan;

9. Illi dan il-ftehim hu suffragat mir-rapprezentant legali ta' l-attrici li kien prezenti meta gie kristallizzat il-ftehim de quo, (ara fol 28);

10. Illi del resto, dan il-ftehim hu wkoll, ikkonfermat mid-deposizzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u hu wkoll ribadut fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

11. Illi nonostante l-fatt li l-attrici harget mill-fond de quo, l-konvenut ma ottemporax ruhu mal-parti tieghu minnu pattwita u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-oggezzjonijiet tal-konvenut jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

Illi jippretendi li mal-pagament li jeffettwa jinghata d-debita ricevuta – haga li jsostni li l-atturi jirrifjutaw;

Ikkunsidrat:

Illi anke fl-ahjar ipotesi jirrizulta li tali oggezzjoni hi pjuttost intempestiva;

Illi in effetti tirrizulta li din hi finzjoni mahluqa mill-konvenut biex jerga' lura minn kelmtu;

Illi ghandu jkun ovvju li tali ricevuta, fuq ammont hekk kospikwu zgur li mhux ser ma jinghatax – molto piu' jekk il-pagament dovut isir b'cheque jew f'xi forma ta' pagament bankarju li zgur ihalli xi tracca ghas-sodisfazzjon tal-konvenut;

> Illi di piu', ma jirrizultax li l-atturi rrifjutaw jew sostnew li ser jirrifjutaw ir-rilaxx ta' tali ricevuta;
>
> Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi:
>
> 1. Tikkundanna lill-konvenut Frank Mifsud ihallas is-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), lill-attrici Diana Abdilla u lil zewgha Raymond ghal kull interess li jista' jkollu;
>
> 2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-2 t'April tas-sena 2003.**"**

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut javvanza dawn l-aggravji:-

(1) Is-somma minnu offerta lill-attrici kienet kondizzjonata ghall-event li din tohrog bil-kwiet mill-fond u mhux ukoll permezz ta' sfratt konsegwenti ghall-proceduri gudizzjarji;

(2) Meta l-Qorti kkundannatu jhallas sorte u mghax b' effett mit-2 ta' April 2003 hija marret lil hinn mill-kompetenza taghha *ratione valoris*;

Jidher mill-kontenut ta' l-ewwel aggravju illi l-kontenzjoni ta' l-appellanti hi fis-sens illi, fuq l-analisi tieghu tal-provi prodotti, gjaladarba l-attrici ma adempietx l-kondizzjoni li minnha kienet tiddependi l-obbligazzjoni tieghu din ma setghetx tivvanta imbaghad li hi kreditrici tieghu. Dan ghaliex, dejjem skond l-appellanti, dik il-qaghda taghha ta' kreditrici kienet tiddependi mill-ko-operazzjoni taghha u, la din giet nieqsa, l-offerta originali tieghu tal-hlas tas-somma reklamata ma baqghetx vinkolanti fuqu;

Ghal verifika ta' dan l-argoment sottomess mill-appellanti, qed jigu premessi qabel xejn dawn il-fatti kif johorgu mill-atti tal-kaz prezenti u dawk tal-kawza (Avviz Nru.

2175/98/MM) fl-ismijiet “Albert Vella *nomine* -vs- Raymond Abdilla *et*” deciza fit-12 ta’ Lulju 2002 (kopja riprodotta a fol. 24), li ma’ din, skond l-istess talba attrici, ghandha konnessjoni importanti:-

(1) Proprju f’ dik il-kawza l-ohra s-socjeta` Tower Court Ltd kienet qed titlob l-isfratt ta’ l-odjerni atturi mill-appartament f’ Tower Road, Sliema. Il-konvenut, bhala konsocju f’ dik is-socjeta` u, kif mill-attrici allegat, il-missier naturali taghha, gie minnha mharrek biex jaghti x-xhieda tieghu. Wara xi tentattivi inutli l-konvenut finalment ittella l-Qorti permezz ta’ mandat ta’ skorta. Dan ghas-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2001 (ara fol. 90 mill-atti ta’ dik il-kawza);

(2) Jidher li hemm qbil komuni illi dakinhar li ttella l-Qorti, il-konvenut wera x-xewqa li ma jiddeponix u ghalhekk ppropona l-hlas lill-attrici ta’ hamest elef lira (Lm5000) jekk hi tivvaka mill-fond. Hu evidenti li din il-proposta giet accettata ghaliex, kif jirrizulta mill-verbal ta’ l-imsemmija seduta, il-konsulent legali ta’ l-attrici ghadda biex irrinunzja ghal produzzjoni tax-xhud;

(3) Hu kkonfermat mill-Prokuratur Legali Noel Scerri (fol. 37 *et sequitur*), konsulent legali tal-konvenut, illi s-somma mweghda kellha titqieghed f’ *joint account* bankarju f’ ismu u f’ isem Dr. George Abela ghall-attrici sakemm tigi deciza dik il-kawza. L-istess xhud jikkonferma wkoll illi l-klijent tieghu kien ghaddielu parti minn din is-somma;

(4) Intant dik il-kawza giet deciza fit-12 ta’ Lulju 2002 u fit-23 ta’ Lulju 2002 l-Avukat Abela kiteb lill-konvenut (ara ittra a fol. 32) biex ifakkru fl-obbligazzjoni tieghu tal-hlas tas-somma mweghda;

(5) Skond il-konvenut (ara xhieda tieghu a fol. 40) dan jghid li l-ftehim kien marbut mal-kondizzjoni li l-attrici tivvaka bil-kwiet mill-fond. Huwa jammettti wkoll illi ghalkemm wara s-sentenza ghadda s-somma ta’ elf lira lill-konsulent legali, il-bilanc baqa’ ma vversahx ghax ma ftehmux u l-attrici ma ffirmatx. Dan b’ referenza ghar-

ricevuta a fol. 44 li l-attrici kellha tiffirma bhala kwittanza. *Inter alia*, din kienet tipprovdi illi b' dak il-hlas "*Diane Abdilla personally hereby declares that she has no further claims and/or pretence whatsoever against same Frank Mifsud or his eventual estate*". Jinghad mill-Prokuratur Legali Scerri illi din ir-ricevuta giet abbozzata minnu wara li l-kawza l-ohra kienet intemmet;

(6) L-istess konvenut jiddikjara wkoll illi lilu aggravatu ghaliex ma ffirmatx ir-ricevuta. Hu mbaghad jinsisti illi l-flus ried jaghtihomlha biex ma jkollha l-ebda *claim* fuqu u biex tghin ruhha. X' kien dan il-*claim* huwa baqa' ma spjegahx anke jekk minn xhieda ohra din seta' kellha konnessjoni ma' xi pretiza ta' l-attrici fuq il-patrimonju tal-konvenut jew il-wirt tieghu;

Stabbiliti b' ri-epilogu dawn il-fatti, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-appellanti ma jistax jippretendi li sar apprezzament errat tar-rizultanzi istruttorji billi, fuq ir-rikostruzzjoni tieghu tal-provi, jirrikorri ghar-ri-elaborazzjoni personali tieghu in kontrapposizzjoni ghar-*ratio decidendi*. Fuq l-istregwa tal-kumpless tal-provi din il-Qorti ma taqbelx illi l-ftehim raggunt bejn il-partjiet kien jippostula l-ezistenza ta' kundizzjoni marbuta ma' l-ivvakar ta' l-attrici mill-fond. Kif taraha din il-Qorti, il-ftehim kien wiehed pur, formanti l-bazi ta' rapport guridiku effettiv bejn il-partijiet. Li kieku verament, kif issuggerit, dan kien kondizzjonat bil-mod sottomess mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu wiehed kien jistenna li tali sottomissjoni tingieb 'il quddiem b' difiza fin-Nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu. Invece, l-unika kondizzjoni, jekk tista' tissejjah hekk, li tirreferi ghaliha din in-Nota hi dik li l-atturi ma riedux jirrilaxxjaw ricevuta, jew, ahjar, dik ir-ricevuta kif redatta mil-konsulent legali ta' l-appellanti. Dan, s' intendi, dejjem wara li ntemmet il-kawza l-ohra u mhux ghax dan kien xi parti integrali mid-diskors li sar u mill-ftehim raggunt. Jikkonsegwi illi gjaldarba kienet tezisti dik il-volonta ta' l-att u negozju guridiku minghajr il-kondizzjoni kif prospettata mill-appellanti, dik l-istess volonta kellu jkollha, b' segwitu, il-korrispondenza ta' l-effetti u bla ebda kundizzjoni *a posteriori*;

Ankorke kellu jigi, *ex-gratia argomenti*, accettat illi l-ftehim kien wiehed ikkondizzjonat, tajjeb li jigi mfakkar illi skond ma jinghad fl-Artikolu 1057 Kodici Civili "kull kondizzjoni ghandha tigi ezegwita kif il-partijiet aktarx riedu u fehmu li ghandha tigi ezegwita". Li jfisser li l-kondizzjonijiet "*debbono essere adempite nella maniera in cui le parti hanno verosimilmente voluto che lo fossero*" (**Kollez. Vol. XXIII P I p 836**). Ikollu jinghad, fil-fattispeci, illi dak li jidher tabilhaqq verosimilment hi l-kondizzjoni illi l-hlas da parte ta' l-appellanti kellu jigi ezegwit "xi gimghatejn jew tlieta wara li tkun deciza s-sentenza" (ara xhieda ta' l-Avukat George Abela a fol. 28). Anke kieku, pero`, il-kondizzjoni kienet dik l-ohra postulata mill-appellanti, lanqas ma jista' jinghad, fuq l-interpretazzjoni tal-provi, illi kien hemm nuqqas ta' ko-operazzjoni mill-attrici ghaliex din naqset milli tohrog bil-kwiet mill-fond. Dan qed jigi rilevat in kwantu, *dato ma non concesso*, li kien hemm din il-kondizzjoni, l-allegat nuqqas ta' ko-operazzjoni mill-attrici ma jistax jigi meqjus fic-cirkustanzi bla motiv legittimu, una volta l-appellant ma adempiex l-obbligazzjoni li jivversa l-ammont miftiehem f' kont bankarju, kif hekk kellu jkun il-kaz, anke minn dak ammess mill-konsulent legali tieghu. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint;

Dwar it-tieni aggravju dan ser jigi sostenut anke jekk mhux ghar-raguni ta' xi inkompetenza sottomessa mill-appellanti. Kif risaput, fil-kaz ta' obbligazzjoni civili l-imghaxijiet jibdew jghaddu minn dak in-nhar li ssir sejha ghal hlas b' att gudizzjarju, anke jekk fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni [ara Artikolu 1142 (2), Kodici Civili]. Kemm mill-avviz promotur kif ukoll mill-atti processwali ma jirrizulta li sar ebda att bhal dan qabel il-prezentata tal-kawza . Gjaldarba, ma hijiex sufficjenti ghad-dekorriment ta' l-imghaxijiet "*una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione*" (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**), dawk l-imghaxijiet kellhom, *se mai*, jibdew jghaddu mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad ghal kollox l-ewwel kap ta’ aggravju, tilqa’ t-tieni kap u b’ hekk tvarja s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-imghaxijiet fuq is-somma kanonizzata bis-sentenza appellata jibdew jghaddu mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (4 ta’ Dicembru 2003). L-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu interament sopportabbli mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------